



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Novembru 2023
(OR. en)

13818/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0341 (NLE)

LIMITE

POLCOM 221
WTO 156
AGRI 590
UD 211
UK 200

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jemenda l-Ftehim tal-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 rigward il-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea



FTEHIM
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-RENJU TAN-NORVEĠJA
LI JEMENDA L-FTEHIM
TAL-UNJONI EWROPEA
U R-RENJU TAN-NORVEĠJA
SKONT L-ARTIKOLU XXVIII
TAL-FTEHIM ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) TAL-1994
RIGWARD IL-MODIFIKA TAL-KONĊESSJONIJIET
FUQ IL-KWOTI TARIFFARJI KOLLHA INKLUŻI FL-ISKEDA CLXXV TAL-UE
B'KONSEGWENZA TAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT
MILL-UNJONI EWROPEA

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Sinjur/Sinjura,

Nirreferi għall-proċeduri li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li nbdew mill-Unjoni Ewropea permezz tan-notifika li tinsab fid-dokument G/SECRET/42 tal-24 ta' Lulju 2018, li tipproponi l-modifika tal-konċessjonijiet tal-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi CLXXV tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Fis-17 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmaw Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex jikkonkludu n-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 (il-“Ftehim tas-17 ta' Diċembru 2020”), li daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2021.

B'riżultat tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u Membri oħra tad-WTO bi drittijiet skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, l-Unjoni Ewropea qablet ma' dawk il-Membri tad-WTO biex tbiddel l-ishma ta' tliet kwoti tariffarji *erga omnes* li r-Renju tan-Norveġja għandu d-drittijiet tan-negozjar għalihom (in-numru 015 u 017 dwar il-laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat u n-numru 030 dwar it-trab tal-ħalib xkumat), kif spjegat fid-dettall fl-aħħar kolonna tal-Anness ta' din l-Ittra. Wara konsultazzjonijiet bilaterali, ir-Renju tan-Norveġja jaqbel mal-modifiki kif stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra u l-impenji kwantitattivi li jirriżultaw, meħuda mill-Unjoni Ewropea, li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit.

Għandi l-pjaċir nipproponi li din l-Ittra u l-konferma tal-Gvern tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, li jemenda l-Ftehim tas-17 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tat-tqassim tal-kwoti tariffarji li r-Renju tan-Norveġja għandu d-drittijiet tan-negozjar għalihom.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja għandhom jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni ta' tagħhom fir-rigward tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Dan il-Ftehim għandu jidher fid-data tal-aħħar ta' notifika. Dan il-Ftehim għandu jiffassal b'mod duplikat bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bin-Norveġiż, u kull test ikun gwalment awtentiku.

Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejki.

Għall-Unjoni Ewropea

Kwoti Tariffarji tal-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit

Numru ta' sekwenza TRQ	Deskrizzjoni	Unità	Termini u kundizzjonijiet oħra	Konċessjoni għall-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit
015	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Qatgħat tal-majjal domestiku, frisk, imkessaħ jew iffriżat, bl-għadam jew mingħajru, eskluż il-flett tal-vagant ippreżentat separatament	t	Erga omnes	4 786
017	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, friski, imkessaħ jew iffriżati	t	Erga omnes	5 720
019	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Flettijiet tal-vagant tal-majjal domestiku, friski, imkessaħ jew iffriżati	t	Erga omnes	3 780
030	Trab tal-ħalib xkumat	t	Erga omnes	62 917
124	Albumina tal-bajd	t (ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra)	Erga omnes	15 500
002	Aringa	t	Erga omnes	33 496

B. Ittra mir-Renju tan-Norveġja

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

“Nirreferi għall-proċeduri li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, li nbdew mill-Unjoni Ewropea permezz tan-notifika li tinsab fid-dokument G/SECRET/42 tal-24 ta' Lulju 2018, li tipproponi l-modifika tal-konċessjonijiet tal-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi CLXXV tal-Unjoni Ewropea b'konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Fis-17 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmaw Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri biex jikkonkludu n-negozjati skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 (il-“Ftehim tas-17 ta' Diċembru 2020”), li daħal fis-seħħ fl-10 ta' Mejju 2021.

B'riżultat tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u Membri oħra tad-WTO bi drittijiet skont l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994, l-Unjoni Ewropea qablet ma' dawk il-Membri tad-WTO biex tbiddel l-ishma ta' tliet kwoti tariffarji *erga omnes* li r-Renju tan-Norveġja għandu d-drittijiet tan-negozjar għalihom (in-numru 015 u 017 dwar il-laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat u n-numru 030 dwar it-trab tal-ħalib xkumat), kif spjegat fid-dettall fl-aħħar kolonna tal-Anness ta' din l-Ittra. Wara konsultazzjonijiet bilaterali, ir-Renju tan-Norveġja jaqbel mal-modifiki kif stabbiliti fl-Anness ta' din l-Ittra u l-impenji kwantitattivi li jirriżultaw, meħuda mill-Unjoni Ewropea, li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit.

Għandi l-pjaċir nipproponi li din l-Ittra u l-konferma tal-Gvern tiegħek għandhom flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, li jemenda l-Ftehim tas-17 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tat-tqassim tal-kwoti tariffarji li r-Renju tan-Norveġja għandu d-drittijiet tan-negozjar għalihom.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja għandhom jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom fir-rigward tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika. Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, in-notifika bil-miktub għandha tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Dan il-Ftehim għandu jitfassal b'mod duplikat bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Irlandiż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bin-Norveġiż, u kull test ikun ugwalment awtentiku.”.

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-Ittra t'hawn fuq.

Għar-Renju tan-Norveġja

Kwoti Tariffarji tal-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit

Numru ta' sekwenza TRQ	Deskrizzjoni	Unità	Termini u kundizzjonijiet oħra	Konċessjoni għall-Unjoni Ewropea li ma għadhiex tinkludi lir-Renju Unit
015	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Qatgħat tal-majjal domestiku, frisk, imkessaħ jew iffriżat, bl-għadam jew mingħajru, eskluż il-flett tal-vagant ippreżentat separatament	t	Erga omnes	4 786
017	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Ġenbejn mingħajr għadam u prieżet tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati	t	Erga omnes	5 720
019	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew iffriżat: - Flettijiet tal-vagant tal-majjal domestiku, friski, imkessħin jew iffriżati	t	Erga omnes	3 780
030	Trab tal-ħalib xkumat	t	Erga omnes	62 917
124	Albumina tal-bajd	t (ekwivalenti għall-bajd fil-qoxra)	Erga omnes	15 500
002	Aringa	t	Erga omnes	33 496